MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 316/2009/1

**Atlas Insurance PCC Limited**
**bhala surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha**
**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**kif ukoll l-istess Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**United Equipment Co (UNEC) Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta’ Mejju, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza in parte fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici et talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta’ attrici

et is-somma ta’ €4852 (kwantu ghall-€3,915.66 rappresentanti id-danni, €582.34 l-excess u €354 engineer’s fees) bhala danni subiti fil-makkinarju li l-assigurat taghhom garrab fiha wara li huwa akkwistha minghandhom, ghall-liema danni, in parti, ghamlet tajjeb is-socjeta’ rikorrenti assiguratrici ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni esistenti bejniethom u ghalhekk tinsab surrogata fid-drittijiet tal-istess.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u cioe mill-2 ta’ Lulju 2008 u bl-ispejjes kontra l-intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta (fol 7 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

(1) illi preliminarjament, il-kawza esperita mill-atturi hija insostenibbli stante illi l-azzjoni esperita hija wahda ghad-danni u mhux l-azzjoni *redhibitoria* jew dik *aestimatoria* kif kontemplat fil-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema fatt jirrispekkja min-nuqqas ta’ talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-makkinarju in kwistjoni kien afflitt minn difett latenti u kif ukoll min-nuqqas ta’ talba sabiex din il-Qorti tirrexxindi l-kuntratt jew tordna t-tnaqqis fil-prezz;
(2) Illi preliminarjament ukoll, u in ogni kaz, azzjoni naxxenti minn allegat difett mohbi hija ormaj perenta;
(3) Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta’ konvenuta mhijiex responabbli ghall-allegati danni stante illi hija ma kkawzat l-ebda danni;
(4) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-somma mitluba mis-socjeta’ attrici hija ezagerata, u dan kif jirrizulta b’mod inekwivokabbli mill-Avviz *de quo* fejn is-socjeta’ attrici stess tiddikjara illi zbursat parti biss mill-ammont mitlub;
(5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra is-socjeta' attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi in konnessjoni mal-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni l-unici provi prodotti kienu ix-xhieda ta' Marcus Bonnici (16 ibid) u d-dokumenti a fol 12 sa fol 15 tal-istess atti, kollha prodotti mis-socjeta' konvenuta). L-istess xhud kien xehed dwar id-dokument markat Dok A a fol 13, u wara li kkonferma li l-istess dokument kien il-fattura mahruga in rigward il-makkinarju in kwistjoni specifika li d-data tal-istess fattura ergo tal-bejgh, bil-istess makkinarju kienet is-7 ta' April, 2003. In rigward iz-zewg dokumenti l-ohrajn a fol 14 u fol 15, l-ewwel wiehed hu kopja ta' ittra datata t-23 ta' Ottubru 2008 u li biha is-socjeta' konvenuta giet interpellata, vis-à-vis l-incident li sehh fl-4 ta' April 2008, u l-hsarat konsegwenzjali, sabiex thallas is-somma hemm indikati minhabba li l-istess makkinarju mixtri minghand is-socjeta' konvenuta kien allegatament difettuz. It-tieni dokument hi l-ittra responsiva datat t-30 ta' Ottubru 2008 u li fiha gew respinti l-allegazzjonijiet bhala infondati.

Ikkunsiderat

Illi hu minnu illi, fl-avviz in esami ma hemm l-ebda referenza ghall-azzjoni 'redhibitoria' jew 'aertimatoria' u ghalhekk ma jidhrix li l-istess azzjoni hi bbazata fuq il-garanzija li kull venditur ghandu jaghti in konnessjoni ma' difetti mohbija. Pero' jidher ukoll illi l-istess azzjoni hi bazata fuq danni kontrattwali kif regolati mill-Kodici Civili fl-artikoli 1125 et tal-istess Kodici u artikoli ohra li jistghu jkunu applikabbli

> Illi ghalhekk, l-ewwel zewg eccezzjonijiet ma humiex sostenibbli u ghandhom jigu michuda.
>
> Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni in esami bl-ispejjes riservati."

Minn din is-sentenza preliminari appellat is-socjeta` konvenuta bl-uniku aggravju illi l-ewwel Qorti, meta ghaddiet biex cahditilha l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghha, ghamlet applikazzjoni erroneja tal-ligi;

Fuq l-istat tal-provi kif jemergu mill-atti istruttorji jirrizulta illi skond fattura datata 7 ta' April 2003 s-socjeta` konvenuta bieghet lis-socjeta` Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited, assigurata tal-kumpanija Atlas Insurance PCC Limited, trukk Hyster Matrix Stacker, Serial Number C435TO19192 versu l-prezz hemm indikat. B'ittra tat-23 ta' Ottubru 2008 l-konsulent legali tas-socjeta` assiguratrici interpella lill-kumpanija konvenuta ghall-hlas tal-hsarat fit-trukk imsemmi fuq il-motiv li l-istess irrizulta difettuz. L-istanza prezenti intavolata fil-31 ta' Awissu 2009 hi proprju diretta ghar-rizarciment ta' dawn l-istess hsarat;

Huwa manifestament evidenti mill-kontenut tal-gravam tas-socjeta` konvenuta appellanti illi l-punt kollu involut f'dan l-appell hu wiehed prettament legali, u, cjoe, jekk il-kwestjoni kellhiex tigi interpretata skond il-principji generali tad-dritt, kif mill-ewwel Qorti affermat, jew skond id-dixxiplina regolatrici taht l-istitut tal-Bejgh;

Hi l-opinjoni prevalenti illi r-regoli applikabbli fil-kaz ta' kompro-vendita ta' oggett huma dawk specjali fil-precitat istitut u, ghaldaqstant, dawn ghandhom jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti. Dan huwa hekk ghaliex hi x-xorta tar-relazzjoni negozjali li ghandha tirrizolvi l-kwestjoni bejn il-kontendenti. Hekk fil-kaz ta' bejgh il-previzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 1378 Kodici Civili taghmilha cara illi l-obbligi tal-venditur huma dawk

tal-kunsinna tal-haga u dik relattiva ghall-garanzija li dan kellu jaghti lix-xerrej fil-kaz ta' l-oggett mibjugh. Jinsab deciz infatti, fuq l-iskorta tal-konsiderazzjonijiet dottrinali illi l-attur xerrej ma setax, kif jippretendi, jipprevali ruhu mid-dispost ta' l-Artikolu 1069 (gja l-Artikolu 1112) Kodici Civili, u jinsisti fuq id-danni jew l-ispiza tar-riparazzjoni. Ara "**Emmanuele Scicluna -vs- Carmelo Xerri *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Jannar, 1958 u "**Neville Xuereb -vs- Michael Formosa Gauci**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Frar, 2006. Ghall-kuntrarju, l-espressjoni preponderanti ta' fehma hi dik li "f'dan il-kaz l-azzjonijiet li l-akkwirent ghandu u jista' jezercita huma l-azzjoni redibitorja jew estimatorja u d-danni jistghu jigu mitluba bhala konsegwenza ta' dawk l-azzjonijiet in forza ta' l-Artikolu 1143 (Ordinanza VII ta' l-1868, u fil-prezent l-Artikolu 1429 Kodici Civili), mentri l-attur, minghajr ma ezercita la l-wahda u l-ohra minn dawk l-azzjonijiet talab sempliciment id-danni kontra l-konvenut" ("**Raffaele Barbara -vs- Tommaso Vella**", Appell Civili, 19 ta' April, 1940);

Anke minn dawn is-senjalazzjonijiet gurisprudenzjali ta' l-imghoddi huwa pjuttost kjarament ovvju illi r-rizarciment tad-danni li jispetta lix-xerrej hu dejjem regolat fil-kwadru ta' l-azzjonijiet specifici disponibbli, sija ghall-kaz tal-vizzju redibitorju ghal liema jaccennaw dawk is-sentenzi, sija jekk skond il-principju ta' l-inadempiment, ex-Artikolu 1390 Kodici Civili, ghal kaz tan-nuqqas tal-kwalita essenzjali mweghda, ossija fejn il-haga kkonsenjata hi diversa minn dik pattwita ("*aliud pro alio*"). Ara d-decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fl-ismijiet "**John Mary Dalli *nomine* -vs- Grezzju Patiniott**", 19 ta' Mejju, 2000 u "**Joseph Vassallo *et* -vs- Antonia Borg**", 6 ta' Ottubru, 2000;

Huwa veru li spiss hu difficli li wiehed jiddistingwi fil-konkret bejn il-presenza tal-vizzju u l-assenza ta' xi kwalita` promessa, in kwantu fit-tnejn ghandek l-imperfezzjoni materjali tal-haga mixtrija li tincidi fuq l-uzu, il-funzjoni, l-utilita` jew fuq il-valur jew il-pregju taghha. Jibqa' l-fatt illi l-ligi Maltija tipprovdi dawn ir-rimedji

partikolari lill-kumpratur u mhux ukoll l-azzjoni diretta ghad-danni;

In meritu ghal din l-ahhar osservazzjoni din il-Qorti kif presjeduta kellha okkazjoni tosserva dan li gej:-

"Opportunement, jibda biex jigi sottolinejat illi f'materja ta' kuntratt ta' bejgh jew ta' tpartit, fejn l-oggett vendut jew impartat ikun affett minn vizzju, l-azzjoni dwaru hi regolata mhux mid-dixxiplina generali dettata mill-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili dwar l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet ghall-kuntratti in generali, imma minn normi specjali stabbiliti fl-istitut tal-bejgh (Artikolu 1424 *et seq.* ta' l-istess Kodici) in kwantu dawn jipprevedu limitazzjoni specifika fir-rispett tad-dixxiplina generali relattiva ghad-danni. Fi kliem iehor il-ligi tipprovdi lix-xerrej l-azzjoni 'in garanzija' intiza biex takkordalu l-opportunita` li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirraprezenta l-valur tad-difett riskontrat." Ara "**Anthony Baldacchino -vs- George Mifsud *et***", Appell Inferjuri, 24 ta' Jannar, 2007, kif approvata wkoll mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fid-decizjoni fl-ismijiet "**Joanne Fenech -vs- Mario Lagana *et***", 28 ta' Novembru, 2008. Proprju l-elenku dettaljat tad-decizjonijiet imsemmija fir-rikors ta' l-appell jaghmlu eku ghal din l-istess enuncjazzjoni;

Jikkonsegwi minn dak kollu dedott illi gjaladarba ghall-appellati kienet ikkontemplata l-azzjoni "in garanzija" in vista tal-premessa ta' l-ezistenza tad-difetti (ara l-ittra legali tat-23 ta' Ottubru, 2008 ghal liema saret referenza fl-esposizzjoni tal-fatti), l-azzjoni relattiva kellha titressaq fit-terminu preskrizzjonali ta' sitt xhur ghal liema jirreferi l-Artikolu 1431 Kodici Civili. F'kaz bhal dan "id-*dies scientae* (ghal liema jirreferi s-subinciz (2) tal-precitat artikolu) hu dak li fih jigi definittivament accertat id-difett. B'danakollu hemm zgur punt fiz-zmien li fih l-izvilupp progressiv tal-vizzju jista' jinghad li jkun lahaq effett kumulattiv li ghandu ragonevolment jgharraf lix-xerrej bl-

ezistenza tieghu, u minn dak il-punt jibda jitqies iz-zmien ta' l-azzjoni jew inazzjoni ta' l-istess xerrej ghall-finijiet ta' l-Artikolu 1481 (illum Artikolu 1431) Kodici Civili". Ara "**Emmanuele Florian -vs- Rosario Desira**", Appell Kummercjali, 9 ta' Gunju, 1969;

Fil-kaz in ezami l-appellati kienu almenu zgur mill-intima legali ta' dik l-ittra tat-23 ta' Ottubru, 2008 fil-possibilita li jagixxu una volta gie minnhom accertat id-difett. Il-Qorti allura tqis illi minn dak il-mument l-appellanti ma setghux jitqiesu li kienu ghadhom fil-kamp tas-suspett ragjonevoli, li kien ikun adegwat ghall-fini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili appena citat, imma kien addirittura fil-kamp tac-certezza tal-kawza ta' l-ezistenza tad-difett. Ara s-sentenza fl-ismijiet "**Carmelo Dimech -vs- Francis Xuereb *et***", Appell, 15 ta' Dicembru, 1997. Ara wkoll id-decizjoni ta' din il-Qorti (Inferjuri, Ghawdex) tal-5 ta' Lulju, 2006 fl-ismijiet "**Maria Vella -vs- The Manager – Tarsons Ltd**", u s-sentenzi f'din kompendjati.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata u konsegwentement takkolji l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------